MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-13 ta' Awwissu, 2015

Numru. 638/2015

**PULIZIJA**
**SPETTUR ROBERT SAID SARREO**

**VS**

**WILLTON GRECH**
**(ID Nru.: 20896M)**
**AIDON DEGIORGIO**
**(ID Nru.: 203395M)**

**Kumpilazzjoni Nru.: 638/2015**

Illum, 13 ta` Awwissu, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Willton Grech, detentur tal-karta tal-identita` numru 20896 (M) u l-imsemmi Aidon Degiorgio, detentur tal-Karta tal-Identtia` numru 203395M.

**Akkuzati talli:**

1. Matul il-lejl ta` bejn l-ghaxra (10) u l-hdax (11) ta` Awwissu, 2015, gewwa Birzebbugia, ikkommettew serq ta` tliet (3) muturi ta` dghajjes, ghad-detriment ta` Emmanuele Vassallo, David Mifsud, Francis Barbara u/jew persuna/i ohra, li l-valur taghhom jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmi tal-ewro (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (€2,329.37), liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-lok u bil-hin;

Lil Willton Gatt wahdu:

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. N. Galea Sciberras, LL.D., nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta` April, 2014, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal=Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 269, 270, 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ghal dawn il-motivi:**

Din il-Qorti tpoggi liz-zewg imputati taht Ordni tal-*Probabion* ai termini tal-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta u li jekk jonqsu li jharsu din il-Qorti jew jaghmlu xi reat iehor matul il-perjodu ta` tlett (3) snin, ikunu jistghu jigu kkundannati ghar-reat li ghalih qieghed tigi

maghmula din il-Qorti. Ghaldaqstant, din il-Qorti qiedgha tordna liz-zewg imputati taht sorveljanza ta` Ufficjal ta` *Probation* ghal perjodu ta` sentejn (2) mil-llum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------